MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 1999

Citazzjoni Numru. 109/1999/1

**Joseph Caruana Company Limited .**

**Vs**

**Muscat Marine Limited; u**
**Mario Muscat .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-kumpanija attrici ppremettiet :**

**Illi hija ghandha tiehu minghand il-konvenuti somma ta’ erbat elef disa’ mija u hames liri maltin u hamsin centezmu (LM4905.50c) oltre interessi fuq din is-somma b’effett mid-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru, 1997 sad-data ta’ l-effettiv pagament ;**

**Illi dan l-ammont huwa dovut bhala parti minn prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici, u illi l-konvenut Mario Muscat kien espressament dahal garanti personalment ghal pagament ta’ dan id-debitu ;**

**Illi ghalkemm is-socjeta’ attrici interpellat lill-konvenuti diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont dovut il-konvenuti baqghu inadempjenti ;**

**Illi dan id-debitu hu wiehed cert likwidu u dovut u safejn taf l-attrici il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jqajmu ghat-talba illi dan il-kreditu taghha jithallas .**

**Ghalhekk talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :**

**1. Taqta’ u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili ;**

**2. Tikkundannahom, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef disa’ mija u hames liri maltin u hamsin centezmu (LM4905.50c) oltre interessi fuq din is-somma b’effett mid-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru, 1997 sad-data ta’ l-effettiv pagament .**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali ta’ April, 1998, u dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid kawtelatorji prezentati kontestwalment mac-citazzjoni, kontra taghhom .**

**Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenuti .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta’ Michael Caruana ghan-nom tal-istess socjeta’ attrici .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi mal-istess citazzjoni, inkluzi l-affidavit tal-avukat Dottor Michael Caruana f'isem is-socjeta' attrici .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti, illi gew notifikati sew bic-citazzjoni kif ukoll bid-data tal-appuntament ta' din il-kawza, fid-19 ta' Lulju, 1999 u fit-23 ta' Lulju, 1999 rispettivament .**

**Rat ukoll il-verbal taghha tas-6 ta' Awissu, 1999 fejn jirrizulta illi wara li semghet lil Mario Muscat f'ismu proprju jiddikjara illi huwa ghandu eccezzjonijiet validi x'iressaq, il-Qorti awtorizzatu jressaq nota tal-eccezzjonijiet fiz-zmien moghti mill-ligi . Minkejja din il-fakulta', l-istess konvenut naqas illi jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fiz-zmien lilu koncess . Ghal hekk l-istess konvenut Mario Muscat personalment bhas-socjeta' konvenuta Muscat Marine Limited baqa' kontumaci .**

**Il-Qorti, wara li semghet ukoll lil avukat Dottor Carmelo Galea ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament tieghu fis-seduta tal-lum, illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu kollu dovut, u fil-mori tal-kawza ma saru ebda pagamenti, u peress li jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi din il-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti Muscat Marine Limited u Mario Muscat personalment in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef disa' mija u hames liri u hamsin centezmu (LM4905.50c) oltre interess fuq din l-istess somma b'effett mid-data tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru, 1997 sad-data tal-pagament effettiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' April, 1998, u dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid kawtelatorju prezentati kontestwalment mac-citazzjoni, kollox kontra l-konvenuti in solidum bejniethom .**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------